Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Il-Birgu

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2022 u nhar is-Sibt, 17 ta' Diċembru, 2022 minn nofsinhar sal-11.00 p.m. minn Triq il-Mina il-Kbira u Pjazza tal-Belt Vittoriosa.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Santa Venera

Nhar il-Ħamis, 22 ta' Diċembru, 2022 mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m. għeluq ta' triq, trasport pubbliku se jkun affettwat u hemm bżonn clearance minn ħdejn il-Knisja Parrokkjali, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Parroċċa, Triq il-Brunżar, Triq in-Nagħal, Triq Emmanuel Attard, Triq il-Pirata, Triq l-Inkwina u Triq il-Kbira San Ġużepp ħdejn il-Knisja.

Il-Ħamrun

On Saturday, 24 ta' Diċembru, 2022 mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m. m'hemmx bżonn clearance, għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat minn Triq Barth,Triq Brighella, Triq Santu Wistin, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Ferrovija, Triq Indri Cilia u Triq Manuel Magri għal-Knisja tal-Immakkulata Kunċizzjoni.

L-Isla

Nhar is-Sibt, 24 ta' Diċembru, 2022 mis-1.00 p.m. sas-7.00 p.m. minn Triq il-Vitorja (ħdejn il-Knisja Maria Bambina biss) u Triq il-Kurċifiss (entratura tal-Oratorju).

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Ix-Xewkija, Għawdex

Nhar is-Sibt, 24 ta' Diċembru, 2022 mis-6.00 p.m. sas- 7.00 p.m. ħadd ma jista' jgħaddi minn Triq San Bert u Pjazza San Ġwann Battista.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Ix-Xagħra, Għawdex

Nhar il-Ħadd, 25 ta' Diċembru, 2022 mill-4.45 p.m. sas-6.30 p.m. ħadd ma jista' jgħaddi minn Triq Dun Ġorġ Preca,

Public transport will also be affected.

Għajnsielem

On Saturday, 10th December, 2022 from 8.00 a.m. till 8.10 a.m., from noon till 12.10 p.m. and from 5.30 p.m. till 6.00 p.m. through Triq Borg Għarib.

Public transport may also be affected.

Vittoriosa

On Friday, 16th December, 2022 and on Saturday, 17th December, 2022 from noon till 11.00 p.m. through Triq il-Mina il-Kbira and Pjazza tal-Belt Vittoriosa.

Public transport may also be affected.

Santa Venera

On Thursday, 22nd December, 2022 from 4.00 p.m. till 7.00 p.m. closure of street, public transport will be affected and no clearance needed through near Parish Church, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Parroċċa, Triq il-Brunżar, Triq in-Nagħal, Triq Emmanuel Attard, Triq il-Pirata, Triq l-Inkwina and Triq il-Kbira San Ġużepp near the church.

Ħamrun

On Saturday, 24th December, 2022 from 5.00 p.m. till 8.30 p.m. no clearance needed, closure of street and public transport will be affected through Triq Barth,Triq Brighella, Triq Santu Wistin, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Ferrovija, Triq Indri Cilia and Triq Manuel Magri to Immaculate Conception church.

Senglea

On Saturday, 24th December, 2022 from 1.00 p.m. till 7.00 p.m. through Triq il-Vitorja (near Maria Bambina church only) and Triq il-Kurċifiss (Oratory entrance).

Public transport may also be affected.

Xewkija, Gozo

On Saturday, 24th December, 2022 from 6.00 p.m. till 7.00 p.m. no transit through Triq San Bert and Pjazza San Ġwann Battista.

Public transport may also be affected.

Xagħra, Gozo

On Sunday, 25th December, 2022 from 4.45 p.m. till 6.30 p.m. no transit through Triq Dun Ġorġ Preca, Triq Parisott,

Triq Parisott, Triq Otto Bayer, Triq il-Mitħna, Triq il-Bambina, Vjal 8 ta' Settembru u Pjazza l-Vittorja.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 25 ta' Diċembru, 2022 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. minn Misraħ Repubblika, Triq P.P.Saydon and Triq Santa Katerina u Triq il-Ħaddiema.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Ta' Sannat

Nhar it-Tnejn, 26 ta' Diċembru, 2022 mis-6.30 p.m. sas-7.30 p.m. ħadd ma jista' jgħaddi minn Triq il-Falkun, Triq it-28 ta' Diċembru, Triq il-Blat, Triq Coco Palmiri u Pjazza Santa Margerita.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Il-Belt Valletta

Minn nhar is-Sibt, 31 ta' Diċembru, 2022 mill-5.00 a.m. sal-Ħadd, 1 ta' Jannar, 2023 sat-3.00 a.m. minn Triq ir-Repubblika minn Triq l-Arċisqof sa Triq San Duminku, Triq San Kristofru minn Triq l-Ifran sa Triq ir-Repubblika u Triq l-Arċisqof minn Triq Repubblika sa Triq l-Ifran.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' ikun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Diċembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 214 tal-2022

Tħaffir ta' boreholes f'inhawi ta' Għallis Rock

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsir t-tħaffir tal-boreholes f' inhawi ta' Għallis Rock.

Ix-xogħlijiet tat-tħaffir se jsiru fil-punti BH1, BH2 u BH3, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
BH1	35° 57'.203	014° 26'.377

Triq Otto Bayer, Triq il-Mitħna, Triq il-Bambina, Vjal 8 ta' Settembru and Pjazza l-Vittorja.

Public transport may also be affected.

Żurrieq

On Sunday, 25th December, 2022 from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. through Misraħ Repubblika, Triq P.P.Saydon and Triq Santa Katerina and Triq il-Ħaddiema.

Public transport will also be affected.

Sannat

On Monday, 26th December, 2022 from 6.30 p.m. till 7.30 p.m. no transit through Triq il-Falkun, Triq it-28 ta' Diċembru, Triq il-Blat, Triq Coco Palmiri and Pjazza Santa Margerita.

Public transport may also be affected.

Valletta

From Saturday, 31st December, 2022 from 5.00 a.m. till Sunday, 1st January, 2023 at 3.00 a.m. through Triq ir-Repubblika from Triq l-Arċisqof till Triq San Duminku, Triq San Kristofru from Triq l-Ifran till Triq ir-Repubblika and Triq l-Arċisqof from Triq Repubblika till Triq l-Ifran.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Road closure will be done as required.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

9th December, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 214 of 2022

Drilling of boreholes near Għallis Rock

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that drilling of boreholes will be carried at Għallis Rock.

The drilling works will be carried out at points BH1, BH2 and BH3, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
BH1	35° 57'.203	014° 26'.377

BH2	35° 57'.257	014° 26'.381
BH3	35° 57'.305	014° 26'.413

Ix-xogħlijiet, li se jeħtieġu ġurnata għal kull borehole biex titlesta, se jsiru, fi kwalunkwe ġurnata, bejn it-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2022 u l- Ħadd, 15 ta' Jannar, 2023, skont il-kundizzjonijiet tat-temp prevalenti.

Ix-xogħlijiet se jsiru minn barkun li se jkun qed iħaddem ankri biex iżommu f'pożizzjoni u se jkun qed jesibixxi d-dwal u forom xierqa skont ir-rekwiżiti tal-International Regulations for the Prevention of Collisions at Sea (COLREGS) 1972.

Il-kaptani u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqgħodu attenti ħafna, jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità bil-mod ħafna (No Wake). Għandhom iżommu mill-inqas 150m bogħod minn kull pożizzjoni waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet.

Il-kaptani u l-operaturi kollha tal-bastimenti li qed jinnavigaw 'l barra minn Ras il-Għallis huma mitluba jnaqqsu l-veloċità minħabba l-ħsara li jista' jikkawża kwalunkwe mewġ iġġenerat.

Għandhom ukoll jikkonformaw ma' kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u jikkoperaw mal-kuntrattur u/jew mal-uffiċjali tal-infurzar fiż-żona.

Charts affettwata: BA 2537, 2538

Pożizzjonijiet riferiti lil WGS 84 DATUM.

Id-9 ta' Diċembru, 2022

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' Psychology Assistant fl-Employee Support (ESP) u People 360 Unit fid-Diviżjoni tan-Nies u Standards fi Ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti (Nies u Standards), fid-Diviżjoni tan-Nies u Standards, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Psychology Assistant fl-Employee Support (ESP) u People 360 Unit fid-Diviżjoni tan-Nies u Standards, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

BH2	35° 57'.257	014° 26'.381
BH3	35° 57'.305	014° 26'.413

The works, which will require one day for every borehole to be completed, will be carried out, on any days, between Monday, 12th December, 2022 and Sunday, 15th January, 2023, depending on the prevailing weather conditions.

The works will be carried out from a barge which will be deploying anchors to hold it in position and will be exhibiting the appropriate lights and shapes in accordance with the requirements of the International Regulations for the Prevention of Collisions at Sea (COLREGS) 1972.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp look-out, navigate with caution and at very slow speed (No Wake). They are to keep at least 150m away from each position while the works are being carried out.

All masters and operators of vessels navigating off Ras il-Għallis are requested to reduce speed due to the damage any waves generated may cause.

They are also to comply with any instructions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and to co-operate with the contractor and/or enforcement officers in the area.

Charts affected: BA 2537, 2538

Positions referred to WGS 84 DATUM.

9th December, 2022

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Psychology Assistant in the Employee Support (ESP) and People 360 Unit in the People and Standards Division within the Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary (People and Standards), in the People and Standards Division, within the Office of the Prime Minister invites applications for the post of Psychology Assistant in the Employee Support (ESP) and People 360 Unit in the People and Standards Division within the Office of the Prime Minister.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax (12) - il xahar.

2.2 Is-salarju ta' Psychology Assistant huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2022 huwa ta' €21,950 fis-sena, li jiżdied b' €407.67 fis-sena sa massimu ta' €24,396.

2.3 Persuna fil-grad ta' Psychology Assistant titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 fis-sena 2022) wara sentejn (2) prestazzjoni sodisfaċenti u kisba ta' kwalifikà applikata/ taħriġ speċjalizzat li jrid ikun ta' livell 5 tal-MQF jew ogħla, dan minbarra il-kwalifikà prerekwiżita kif imsemmi f para 4.1 (iii) minn istituzzjoni approvata li tippermettilhom iwettqu kompiti speċjalizzati meħtieġa fit-taqsima partikolari fejn huma impjegati.

2.4 Psychology Assistants li jiksbu kwalifikà ta' Masters f'livell MQF 7 f'qasam ta' practitioner tal-psikoloġija jew kwalifikà ekwivalenti minn Università jew Istituzzjoni rikonoxxuta, għandha tiġi promossa għall- Practitioner fi Skala ta' Salarju 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766 fis-sena 2022) mal-kisba tal-kwalifikà.

2.5 Il-persuna magħżula tkun intitolata għall-Psychology Class Allowance ta' €800 fis-sena, kif stipulat fl- "Agreement pertaining to the Psychology Class between the Government of Malta and Malta Chamber of Psychologists" iffirmat fl-1 ta' Ottubru, 2018.

2.6 In-natura tax-xogħol ta' Psychology Assistant jirrikjedi l-użu ta' ħinijiet flessibli skont l-esiġenzi tal-klijenti.

2.7 Applikazzjonijiet laterali fl-istess grad minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

2.8 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Psychology Assistant jinkludu:

Employee Support Programme

i. Waqt il-qari għal grad ta' Master fil-Psikoloġija, Psikoterapija jew Counselling, l-assistenti tal- psikoloġija

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Psychology Assistant is Salary Scale 10, which in the year 2022 is equivalent to, €21,950 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €24,396.

2.3 A Psychology Assistant will progress to Scale 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 in 2022) on completion of two (2) years of satisfactory performance and having acquired an applied qualification/specialized training which must be of MQF level 5 or higher, this in addition to the pre-requisite degree as mentioned in para 4.1 (iii), from an approved institution which allows them to carry out specialised tasks needed in the particular section where they are employed.

2.4 Psychology Assistants who obtain a Master's Degree at MQF Level 7 in a practitioner area of psychology or an equivalent qualification from a recognised University or Institution, shall be promoted to Psychology Practitioner in Salary Scale 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766 in 2022) on attainment of qualification.

2.5 A selected candidate will be entitled to a Psychology Class Allowance of €800 per annum, as stipulated in the "Agreement pertaining to the Psychology Class between the Government of Malta and the Malta Union of Professional Psychologists" signed on 1st October, 2018.

2.6 The nature of the Psychology Assistant's work requires the application of a flexible working pattern centred round the needs of the clients.

2.7 Lateral applications in the same grade from public officers are not allowed.

2.8 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Duties

3. The job duties for the post of Psychology Assistant include:

Employee Support Programme

i. While reading for a Master degree in Psychology, Psychotherapy or Counselling, psychology assistants may be

jistgħu jkunu meħtieġa jwettqu interventi psikoloġiċi inklużi sessjonijiet psikoterapewtiċi u counselling;

ii. Jgħin/tgħin lill-klijenti jsibu u jagħmlu użu mis-servizzi tal-komunità, tas-saħħa ġenerali jew/u tas-saħħa mentali jew servizzi oħra skond il-bżonn;

iii. Jagħti pariri u jappoġġja professjonisti relatati mal-kura tas-saħħa, aġenziji oħra, gruppi volontarji u persuni oħra li jagħtu kura;

iv. Jiżviluppa/tiżviluppa preżentazzjonijiet ġodda tal-benesseri filwaqt li jassisti/tassisti u jwettaq/twettaq sessjonijiet tal-benesseri kif meħtieġ mis-servizz;

v. Jassisti/tassisti lis-Senior Practitioner fi proġetti ta' verifika u riċerka;

vi. Jaħdem/taħ ma' timijiet interdixxiplinari fejn u meta jkun meħtieġ;

vii. Jipparteċipa/tipparteċipa fi programmi ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu, laqgħat tat-tim u case reviews;

viii. Jagħmel/tagħmel użu mis-sistemi tat-Tekonoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru;

ix. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ; u

x. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

U/JEW

i. Jipprovdi sapport fl-iżvilupp ta' proċessi u sistemi ta' ġestjoni tat-talent biex jgħinu fl- identifikazzjoni u l-iżvilupp tal-impjegati b'potenzjal għoli;

ii. Jipprovdi taħriġ, gwida u pariri lill-impjegati sabiex jiġu appoġġjati bil-motivazzjoni u fil-mixja tal-karrieri tagħhom;

iii. Jaħdem ma' individwi sabiex jagħtihom is-sostenn meħtieġ għal suċċess u effiċjenza fit-twettiq tal-objettivi organizzattivi tagħhom, filwaqt li jtejbu ukoll il-benesseri personali tagħhom;

iv. Jipprovdi sapport fil-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-impjegati, jidentifika nuqqasijiet fil-ħiliet u jikkollabora kif meħtieġ;

required to carry out psychological interventions including psychotherapeutic and counselling sessions;

ii. Supports clients making use of community, general health or/ and mental health services or other relevant services as required;

iii. Advises and supports related health care professionals, other agencies, voluntary groups and other care givers;

iv. Develops new well-being presentations while assisting and carrying out well-being sessions as required by the service;

v. Assists the Senior Practitioner in audit and research projects;

vi. Works with interdisciplinary teams where and when necessary;

vii. Participates in Continuing Professional Development programmes, team meetings and case reviews;

viii. Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Office of the Prime Minister;

ix. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required; and

x. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

AND/OR

i. Supports the development of talent management processes and systems to help identify and develop their high-potential employees;

ii. Provides coaching, guidance and advice to employees in order to support them with their motivation and careers path;

iii. Works with individuals to support them in becoming more successful and effective in delivering their organisational objectives, while also enhancing their personal wellbeing;

iv. Supports in the training needs of employees, identifies skills gaps and liase when necessary;

v. Joffri programmi ta' taħriġ u żvilupp;

vi. Jipprovdi sapport fil-medjazzjoni fejn ikun hemm kunflitt bejn l-impjegati u l-maniġment jew tilwima dwar l-impjieg;

vii. Jgħin fit-tfassil ta' inizjattivi mmirati biex jgħinu lill-impjegati jlaħħqu b'suċċess mal-bidliet li jseħħu fuq il-post tax-xogħol tagħhom, bħar-ristrutturar jew proċessi ġodda;

viii. Jwettaq kull dmir ieħor li jista' jiġi aġġornat biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mill-Kap tal-People 360 u s-Segretarju Permanenti; u

ix. Kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

v. Delivers training and development programmes;

vi. Supports in mediation where there is conflict between employees and management or an employment dispute;

vii. Helps in the design of initiatives aimed at helping employees to cope successfully with changes taking place in their workplace, such as restructuring or now processes;

viii. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Head of People 360 and the Permanent Secretary; and

ix. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007"; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l- Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

U

iii. fil-pussess ta' First Degree (Honours) fil-Psikoloġija minn Università jew Istituzzjoni rikonoxxuta iżda għad mhumiex fil-pussess ta' degree ogħla jew esperjenza rilevanti li tikkwalifikahom bħala Psychologists.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-dat tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal

f. in possession of a residence document issued in terms of the "Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations".

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English Language;

AND

iii. in possession of a First Degree (honours) in Psychology from a recognised University or Institution but are not yet in possession of a higher degree and relevant experience which qualifies them as Psychologists.

iv. Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open

gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il- bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is- snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/ pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippublikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-mininteru/ dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppublikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-

to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the Class/Stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of "service in the grade" as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any

intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 60%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 - 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** fuq (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal- kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal- Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Diċembru, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.8 Prospective applicants should note the requirement to produce MFHEA recognition statements in respect of their qualifications from MFHEA, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 60%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 - 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister through the Online Government Recruitment Portal **only** on (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 26th December, 2022. A computer-generated e-mail will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl- indirizz (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal- People Management, Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.opm.gov.mt) u (human-resources.opm@gov.mt).

Id-9 ta' Diċembru, 2022

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

Pożizzjoni ta' Project Manager fil-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Project Manager għall-CERV Project (Citizens, Equality, Rights and Values Programme) fid-Direttorat għar-Riċerka u l-Evalwazzjoni, fil-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents;

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division at the address (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and e-mail address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm@gov.mt).

9th December, 2022

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY AND CHILDREN'S RIGHTS

Position of Project Manager in the Ministry for Social Policy and Children's Rights

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Social Policy and Children's Rights invites applications for the position of Project Manager for the CERV Project (Citizens, Equality, Rights and Values Programme) in the Research and Evaluation Directorate, Ministry for Social Policy and Children's Rights.

Tul tal-assignment u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' sentejn (2) bħala Project Manager għal CERV Project (Citizens, Equality, Rights and Values Programme) fil-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Project Manager hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' (12) tnax-il xahar.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Project Manager taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-"Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss".

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li j/tinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu/tagħha, j/tista' j/tapplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa/hija għandu/ha bħalissa.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pozizzjoni ta' Project Manager huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €29,093.83 fl-2022), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Project Manager jinkludu li:

i. Jissorvelja l-konformità mal-Ftehim tal-Għotja;

ii. Jikkoordina l-implimentazzjoni ta' proġett iffinanzjat mill-UE fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal (u l-entitajiet tiegħu);

iii. Jimmaniġġja l-implimentazzjoni tal-proġett u tiżgura li l-azzjoni meħtieġa kollha meħtieġa tittieħed b'mod effiċjenti f'waqtu. Dawn il-kompiti b'mod partikolari jinkludu;

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a two (2) year assignment as a Project Manager for the CERV Project (Citizens, Equality, Rights and Values Programme) in the Ministry for Social Policy and Children's Rights, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Project Manager is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Since this is a position timed-barred or the completion of a specific task, the position of Project Manager constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81entitled "Contracts of Service for a Fixed Term Regulations".

2.4 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.5 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Salary pegged to the position

3. The Salary attached to the position of Project Manager is equivalent to the maximum of Salary Scale 7 less an increment (equivalent to €29,093.83 in 2022), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one year service, whichever is the later.

Duties

4. The job duties for the position of Project Manager include:

i. Monitor compliance with the Grant Agreement;

ii. Coordinate the implementation of an EU funded project within the Ministry for Social Policy and Children's Rights (and its entities);

iii. Manage the implementation of the project and ensures that all necessary action required is taken in a timely efficient manner. These tasks in particular include;

Jissorvelja u jirrapporta l-progress tal-azzjonijiet tal-proġett (eż. riżultati, tragwardi, outputs/eżiti, riskji kritiċi, indikaturi, eċċ), fil-ħin u b'mod effiċjenti

Monitor and report the progress of the project actions (e.g. deliverables, milestones, outputs/outcomes, critical risks, indicators, etc), in a timely and efficient manner

Jikkoordina l-arranġamenti loġistiċi kollha fir-rigward tal-attivitajiet, l-inizjattivi u l-avvenimenti kollha tal-proġett;

Coordinate all logistical arrangements in relation to all project activities, initiatives and events;

Jipprepara u jwassal preżentazzjonijiet kif xieraq;

Prepare and deliver presentations as appropriate;

Jinvolvi ruħu fi proċessi ta' akkwist rilevanti u jimmonitorja l-implimentazzjoni f'waqtha tagħhom;

Engage in relevant procurement processes and monitor the timely implementation thereof;

Jabbozza u jissottometti rapporti interim internament u lill-Kummissjoni Ewropea biex jiddeskrivi l-progress tal-proġett, filwaqt li jqis l-input minn sħab oħra tal-proġett kif meħtieġ;

Draft and submit interim reports internally and to the European Commission to outline project progress, taking into account input from other project partners as necessary;

Jabbozza u jissottometti r-rapport finali lill-Kummissjoni Ewropea fl-istadju tat-tlestija tal-proġett;

Draft and submit the final report to the European Commission at project completion stage.

iv. Jorganizza, jipparteċipa u jmexxi, kif meħtieġ, laqgħat tal-imsieħba tal-proġett u laqgħat tal-imsieħba onlajn kull meta jkun meħtieġ;

iv. Organise, participate and lead, as necessary, project partner meetings and online partner meetings whenever required;

v. Jorganizza, jimmaniġġja u/jew jikkollabora f'avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-proġett inklużi attivitajiet edukattivi, laqgħat ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, avvenimenti tal-partijiet interessati, u kwalunkwe attività oħra li hija importanti għall-implimentazzjoni tal-proġett;

v. Organise, manage and/or collaborate on outreach events in relation to the project including educational activities, meetings with decision-makers, stakeholder events, and any other activities that are important for project implementation;

vi. Jipparteċipa f'avvenimenti u konferenzi ta' taħriġ (bini ta' kapaċità) kemm lokalment kif ukoll barra mill-pajjiż;

vi. Participate in training (capacity building) events and conferences both locally and abroad;

vii. Iwettaq l-azzjonijiet kollha skont l-ogħla standards etiċi u l-liġi applikabbli tal-UE, internazzjonali u nazzjonali dwar il-prinċipji etiċi.

vii. Perform all actions in line with the highest ethical standards and the applicable EU, international and national law on ethical principles.

viii. Jiġbor data u statistika, jwettaq riċerka, u jħejji rapporti u dokumenti kif meħtieġ;

viii. Compile data and statistics, undertake research, and prepare reports and documents as necessary;

ix. Jikkoordina mal-partijiet interessati rilevanti kif meħtieġ;

ix. Liaise with relevant stakeholders as necessary;

x. Jikkuntattja regolarment mat-tim responsabbli għall-proġetti, rigward il-ġestjoni ta' kuljum, u jirrapporta lill-uffiċjali indikati;

x. Liaise regularly with the team responsible for projects, regarding day-to-day management, and reports to the indicated officials;

xi. Isegwi u jiżgura li kwalunkwe azzjoni, rapporti u dokumenti mitluba jittieħdu u jiġu pprovduti fl-iskadenzi stabbiliti biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-attivitajiet, il-prijoritajiet u l-iskadenzi;

xi. Follow up and ensures that any actions, reports and documents requested are undertaken and provided within the deadlines set to ensure coordination of activities, priorities and deadlines;

xii. Javża lill-uffiċjali rilevanti dwar riskji potenzjali/reali li jxekklu l-implimentazzjoni tal-proġett;

xii. Alert relevant officials of potential/real risks hindering project implementation;

xiii. Iwettaq kull dmir ieħor kif assenjat mid-Direttur, (Riċerka u Evalwazzjoni) Direttur Ġenerali (Riċerka, Politika u Evalwazzjoni) u s-Segretarju Permanenti jew ir-rappreżentant tiegħu/tagħha;

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-

xiii. Carry out any other duties as assigned by the Director, (Research and Evaluation) Director General (Research, Policy and Evaluation) and the Permanent Secretary or his/her representative;

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

